MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Numru. 814/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Walter Spiteri**
**Spettur Roland Cassar**

**vs**

**Christopher Carabott**
**Mario Caruana**

Il-Qorti:

Rat li l-imputati Christopher Carabott ta' 27 sena, bin il-mejjet Carmelo u Maria Concetta nee' Caruana, imwieled Pieta' fit-22 ta' Marzu 1979 u residenti McLaren, Flat 1, Triq Gulinu Maniscalco, Marsaxlokk u detentur tal-karta tal-identita' numru 170879(M) u lil Mario Caruana ta' 25 sena, bin Angelo u Spiridiona nee' Vella, imwieled Pieta' fis-27 ta' Dicembru 1979 u residenti Kite, Triq A. Cachia

Zammit, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 22680(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Fl-24 ta’ Marzu 2006 fl-inhawi tal-Kuncizzjoni limiti tar-Rabat, Malta b’ qerq holqu jew gieghlu jidher li donnu hemm serq u hruq ta’ vettura numru AAN-174 ta’ ghamla Peugeot 106 ta’ lewn gold, sabiex dan is-serq u hruq ta’ vettura jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’ hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s’ sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat, bi ksur tal-artiklu 110(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Lil Christopher Carabott talli fil-25 ta’ Marzu, 2006 fl-ghases tal-Pulizija taz-Zejtun u Birzebbuga, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat ta’ serq ta’ vettura AAN-174 ta’ ghamla Peugeot 106 inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat ta’ serq u hruq ta’ vettura AAN-174 , b’ mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat sar, bi ksur tal-artiklu 110 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Lil Mario Caruana talli fl-24 ta’ Marzu 2006 fiz-Zejtun u fl-inhawi tal-Kuncizzjoni limiti tar-Rabat, Malta bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat ta’ serq u hruq ta’ vettura AAN-174, b’ mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat sar, bi ksur tal-artiklu 110 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Lil Christopher Carabott talli fil-25 ta’ Marzu 2006 f’ dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta’ flus kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistrugga vettura tieghu AAN-174 bi hruq, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu bi ksur tal-artiklu 41(a) u artiklu 295 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Lil Mario Caruana talli fl-24 u 25 ta’ Marzu 2006 f’ dawn il-gzejjer, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta’ flus kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistrugga vettura tieghu AAN-174 bi hruq, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga

accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu bi ksur tal-artiklu 41(a) u artiklu 295 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Lil Mario Caruana talli fl-24 u 25 ta' Marzu, 2006 f' dawn il-gzejjer, assocja ruhu ma' Christopher Carabott biex bil-hsieb li jiskeb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistrugga vettura AAN-174 bi hruq bi ksur tal-artiklu 48A (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Lil Mario Caruana talli huwa recediv b' sentenza moghtija lilu fit-13 ta' Ottubru, 2004 mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella LL.D, liema sentenza saret definittiva.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 12 ta' Gunju 2007 (esebita a fol. 49 tal-process) fejn huwa dehrlu li fil-konfronti taz-zewg imputati tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) fl-artikoli 110(1) (2) tal-Kodici Kriminali ;

b) fl-artikoli 41(1) (a), 295 tal-Kodici Kriminali ;

c) fl-artikoli 48A(1) tal-Kodici Kriminali ;

d) fl-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta' Jannar 2009, l-imputati Christopher Carabott u Mario Caruana ddikjaraw li huma m' ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2009 iz-zewg imputati ammettew l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom salv li in kwantu jirrigwarda l-imputat Mario Caruna dan m'ammettiex l-addebitu tar-recidiva.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba

taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputati l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat Christopher Carabott hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u lill-imputat Mario Caruana hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghall-addebitu tar-recidiva liema akkuza ma tirrizultax pruvata.

Ghal finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Mario Caruana l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja u ghalhekk ser tigi mposta piena karcerarja sospiza. Minn ezami tal-fedina penali tal-imputat l-iehor Christopher Carabott jidher li huwa ghandu fedina penali kwazi netta u ghalhekk ser jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u kwindi ser jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 110(1) u (2), 41(1) (a), 295 u 48A(1) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Mario Caruana hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi salv ghall-addebitu tar-recidiva, mill-liema akkuza huwa qed jigi dikjarat mhux hati u konsegwentement liberat u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat Mario Caruana l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat Mario Caruana min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

Wara li rat l-Artikoli 110(1) u (2), 41(1) (a), 295 u 48A(1) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tiddikjara lill-imputat Christopher Carabott hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum.

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputati Mario Caruana u Christopher Carabott sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba ihallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed mis-somma ta’ mitejn u sebgha u disghin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€297.53) rapprezentanti l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------